**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 18 ta` Lulju 2016**

**Rik. Revoka Nru. 915/15 JZM**

**Rik. Gur. Nru. 798/2015 JZM**

**Gaetano Bonnici**
**u martu Maryanne Bonnici**

***vs***

**Age Concern Company Limited**

**Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju**
**Nru. 1236/2015 fl-ismijiet :**

**Gaetano Bonnici**

***vs***

**Age Concern Company Limited**
**(C18974)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` Age Concern Company Limited ("**<u>l-esekutata</u>**") fid-<u>29 ta` Settembru 2015</u> li jaqra hekk :-

*Illi b` digriet tas-7 ta` Awissu 2015 fuq rikors ta` Gaetano Bonnici, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-imsemmi rikorrenti Bonnici u ordnat l-ispedizzjoni tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1236/2015 fl-ismijiet "Gaetano Bonnici vs Age Concern Limited" u dan ghas-somma ta` erbgha u disghin elf tmien mija u sitt Euro u hamsin centezmu (EUR 94,806.50) sabiex jikkawtelaw "likwidazzjoni ta` profitti, kalkolata ghall-fini ta` dan il-mandat, ghas-sena finanzjarja Ottubru 2014 sa Lulju 2015." Kopja ta` dan il-mandat tinsab annessa u mmarkata "Dok A".*

*Illi qabel ma din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat, permezz ta` digriet tal-31 ta` Lulju 2015, stiednet lir-rikorrenti (intimati odjerni) sabiex jispjega b`mod car f`hiex tikkonsisti l-pretensjoni tieghu. Ghal dan il-provvediment, l-intimat wiegeb permezz ta` nota tat-3 ta` Awissu 2015, fejn permezz taghha ddikjara kfi gej: "….illi s-socjeta` intimata, li r-rikorrent huwa 50% azzjonista, ghamlet qliegh fis-sena finanzjarja 2014 `il fuq minn EUR 200,000 (mitejn elf euro) u l-azzjonista l-iehor li ghandu 50% ma jridx jiddikjara "dividends"; ghalhekk l-esponenti qed jikkawtela l-pretensjoni tieghu."*

*Illi rinfaccjata minn din id-dikjarazzjoni, din l-OnorabblI Qorti permezz ta` digriet tat-3 ta` Awissu 2015, stiednet lir-rikorrenti (intimat odjern) sabiex jiddikjara kif ghandu jedd ghas-somma pretiza jekk ma gewx dikjarati dividends in kwantu prima facie jidher li l-qliegh hu tal-kumpannija u mhux tar-rikorrenti. Ghal dan il-provvediment, l-intimat wiegeb permezz ta` nota tal-5 ta` Awissu 2015, fejn permezz taghha ddikjara kif gej: "…illi l-awditur tal-kumpannija iddikjara li hemm `il fuq minn EUR 200,000 (mitejn elf Euro) profitti u talab li dawn jigu carried forward. Illi l-esponenti ser ibati pregudizzju stante li hu 50% shareholder u peress illi jrid jippartecipa fil-profitti tas-sena 2014-2015 u ghalhekk irid jikkawtela d-drittijiet tieghu, peress illi r-rikorrenti hu marbut li jbiegh is-sehem tieghu lill-azzjonista l-iehor u ghalhekk il-profitti tas-sena 2014-2015 jigu kkapparati mill-azzjonista l-iehor."*

*Illi quddiem din id-dikjarazzjoni, din l-Onorabbli Qorti permezz ta` digriet tal-5 ta` Awissu 2015, stiednet lir-rikorrenti (intimat odjern) sabiex jipprezenta kopja tal-ftehim li ghandu dwar il-bejgh tal-ishma u bil-gurament jiddikjara x` dividend ircieva fl-erba` snin ta` qabel. Ghal dan il-provvediment, l-intimat wiegeb permezz ta` nota tal-5 ta` Awissu 2015, fejn iddikjara li qatt ma rcieva dividends tal-kumpannija ipprezenta l-ftehim imsemmi kif ukoll financial statements **ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014**.*

*Illi għalhekk, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba u ordnat l-ispedizzjoni tal-mandat fil-konfront tas-socjeta` esponenti ;*

*Illi minn hawnhekk il-pretensjoni tal-intimat Bonnici hadet bixra ohra ghaliex filli kien qed jikkawtela l-profitti ghall-perijodu bejn Ottubru 2014 u Lulju 2015, filli f` daqqa wahda beda jistrieh fuq estimi finanzjarji ghas-sena li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014 u dawk li huma retained earnings tal-kumpannija, gejjin minn snin precedenti, beda jhallathom ma` profitti – minkejja li kif jirrizulta mill-istess dokument "profit for the year" huwa biss ta` EUR 66,953 ! ;*

*Illi sussegwentement l-istess sekwestrant Bonnici iddeduca, flimkien ma` martu, l-pretensjoni tieghu permezz tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi, liema kawza giet prezentata nhar l-20 ta` Awissu 2015 ;*

*Illi permezz tal-kawza taghhom, l-atturi konjugi Bonnici qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*(i) Tiddikjara li s-socjeta` esponenti ghamlet profitti fis-sena finanzjarja 2013/2014 u tikkwantifika ossia tillikwida tali profitti ;*

*(ii) Tordna li dawn il-profitti jigu konvertiti f` dividends favur l-azzjonisti fi kwoti indaqs bejniethom ;*

*(iii) Tordna d-distribuzzjoni ta` tali dividends favur l-azzjonisti fi kwoti indaqs bejniethom ;*

*Illi jsegwi ghalhekk li l-kawza saret ghal oggett ghal kollox divers minn dak dikjarat fil-kawzali tal-mandat billi l-mandat jitratta s-sena finanzjarja Ottubru 2014 sa Lulju 2015 (sic) fil-waqt li l-kawza titratta s-sena finanzjarja 2013/2014. Veru kaz ta` tahwida intiza biss li tfixkel anke meta tqis li m`hemm l-ebda sena finanzjarja li tibda f`Ottubru u tispicca f`Lulju ;*

*Illi fil-kaz odjern, il-fatti svolgew kif gej :*

*1. Illi l-atturi kienu azzjonisti fis-socjeta` esponenti fejn kellhom mitejn u hamsin (250) sehem ordinarju ta` valur nominali ta` EUR 2,329373-il wiehed ;*

*2. Illi fit-23 ta` Awissu 2008, l-atturi flimkien mal-azzjonisti l-ohra tal-kumpannija esponenti ftehmu li peress li ftehim li kien hemm bejniethom dwar il-gestjoni ta` ospizju tal-anzjani fil-Mosta kien se jigi terminat nhar is-26 ta` Awissu 2015, liema gestjoni kienet tikkostitwixxi l-attivita` principali tas-socjeta` esponenti, l-azzjonisti l-ohra kellhom jakkwistaw l-ishma mizmuma mill-atturi*

*odjerni versu l-prezz bonarjament pattwit ta` EUR 58,250. Kopja tal-ftehim tinsab annessa u mmarkata Dok B ;*

*3. Illi dan il-ftehim gie onorat tant li fis-26 ta` Awissu 2015 – jigifieri sitt ijiem wara l-prezentata tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi – l-atturi odjerni aljenaw l-ishma taghhom favur Barbara Coates, Odette Falzon Fedoroff, Fleur Balzan u Alfred Balzan u dan kif jirrizulta min-notifiki ta` trasferimenti ta` ishma hawn annessi u mmarkati Dok C sa Dok F ;*

*4. Illi qabel ma sar dan it-trasferiment tal-ishma, thejjew l-audited accounts tal-kumpannija esponenti ghall-ahhar sena finanzjarja. Ghal dan il-ghan, l-ewwel thejja rapport fil-format muri flimkien mar-rikors guramentat (dok G) liema rapport gie ffirmat biss mid-direttur Alfred Balzan, filwaqt li l-attur naqas milli jiffirma. Sussegwentement, sabiex l-attur jaccetta li jiffirma saret verzjoni ohra fejn intqal li dwar id-dividends kien hemm disputa. Kopja tar-rapport annwali qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok H ;*

*5. Illi skont ir-rapport annwali, il-profitti netti ghas-socjeta` esponenti ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014 kienu ta` EUR 66,953 ;*

*6. Illi fil-verita` l-intendiment bejn l-azzjonisti kien li s-somma ta` EUR 58,250 miftiehma bejniethom fl-2008 kellha tkun "in full and final settlement of all claims and pretences which the said sellers or their heirs at law, may have against the Owners/Guarantors or their heirs at law."*

*7. Illi tant kien dan l-intendiment li l-hlas tal-ammont kien garantit mill-azzjonisti konjugi Balzan u dan ghaliex meta sar dak il-ftehim, il-qaghda tas-socjeta` esponenti qajla kienet felici ;*

*8. Illi hekk kif wasal iz-zmien li l-ftehim tal-2008 jimmatura, l-atturi odjerni hasbu li jaraw biex jistghu johorgu sabiex javvanzaw ftit iehor ;*

*9. Illi ghalhekk, Gaetano Bonnici ivvanta pretensjonijiet ohra dwar dividends mhux dikjarati sabiex imbaghad ghadda biex talab l-ispedizzjoni tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1235/2015 u intavolaw il-kawza fl-ismijiet fuq premessi ;*

*10. Illi ghad li l-Istatut tas-socjeta` esponenti huwa sajjem fejn imiss mad-dikjarazzjoni ta` dividends, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386) in kwantu dawn mhux talli mhumiex eskluzi talli huma inkorporati b` riferenza fl-Istatut tas-socjeta` esponenti u kwindi japplikaw is-segwenti regoli :*

> *73. The company in general meeting may declare dividends, but no dividend shall exceed the amount recommended by the directors.*
>
> *74. The directors may from time to time pay to the members such interim dividends as appear to the directors to be justified by the profits of the company.*

*75. The directors may, before recommending any dividend, set aside out of the profits of the company such sums as they think proper as a reserve or reserves which shall, at the discretion of the directors, be applicable for any purpose to which the profits of the company may be properly applied, and pending such application may, at the like discretion, either be employed in the business of the company or be invested in such investments, other than shares of the company, as the directors may from time to time think fit. The directors may also without placing the same to reserve carry forward any profits which they may think prudent not to divide.*

*76. Subject to the rights of persons, if any, entitled to shares with special rights as to dividend, all dividends shall be declared and paid according to the amounts paid or credited as paid on a share in advance of calls shall be treated for the purposes of this regulation as paid on the share. All dividends shall be apportioned and paid proportionately to the amounts paid or credited as paid on the shares during any portion or portions of the period in respect of which the dividend is paid; but if any share is issued on terms providing that it shall rank for dividend as from a particular date such share shall rank for dividend accordingly.*

*77. The directors may deduct from any dividend payable to any member all sums of money, if any, presently payable by him to the company on account of calls or otherwise in relation to the shares of the company.*

*78. No dividend shall bear interest against the company.*

*11. Illi jsegwi ghalhekk li jmiss lis-socjeta` esponenti permezz tad-Diretturi taghha li tirrakkomanda l-hlas ta` xi dividend, xi haga li fil-kaz odjern ma saritx ;*

*12. Illi inoltre kwalsiasi jedd li seta` kellhom l-atturi illum ghadda ghand Barbara Coates, Odette Falzon Fedoroff, Fleur Balzan u Alfred Balzan stante l-artikolu 9 tal-Istatut tal-Kumpanija esponenti jipprovdi espressament illi-*

*A person or persons becoming entitled to a share by way of transfer intervivos or causa mortis shall be entitled to the same dividend or other advantages to which he or they would be entitled if he or they were registered holder or holders of the share, except that he or they shall not, before being registered as a member in respect of the share, be entitled in respect of it to exercise any right conferred by membership in relation to the meetings of the company.*

*13. Illi ghal kull buon fini qed jigu prezentati kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-Kumpannija esponenti kif kien qabel ma sar it-trasferiment ta` l-ishma mill-atturi odjerni lil azzjonisti godda, liema kopja qed tigi mmarkata Dok I kif ukoll kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-Kumpannija esponenti kif gie emendat ricentement, wara li sar it-trasferiment tal-ishma mill-atturi odjerni lil azzjonisti godda, liema kopja qed tigi mmarkata Dok J ;*

*14. Illi ghalhekk jidher car li l-pretensjoni attrici hija wahda fiergha u bla bazi la fil-fatt u lanqas fid-dritt ;*

*Illi s-socjeta` esponenti jidhrilha Ii fil-kaz odjern jezistu l-massimi li trid il-ligi sabiex il-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1235/2015 fl-ismijiet fuq premessi jigi revokat u sejrin jghaddu sabiex jaghmlu s-segwenti sottomissjonijiet ghall-kunsiderazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi l-Artikolu 836(1) tal-Kap 12 jipprovdi kif gej :*

> *Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor that da nil-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista` jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista` jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat sew ghal kollox jew f` parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin :*
>
> *(a) li l-att kawtelatorju m` ghadux iktar fis-sehh ;*
>
> *…*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew*
>
> *…*
>
> *(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*Illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna tghallimna li fil-proceduri bhal dawk odjerni fejn qed tintalab ir-revoka ta` mandat kawtelatorju, l-ezami li trid taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie kif gie ritenut fil-provvediment tal-10 ta` Mejju 2001 fl-ismijiet <u>Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et</u> :*

> *Mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f` dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Illi fil-kaz odjern certament li japplikaw id-disposizzjonijiet tal-art 836 (1)(a), (d) u (f) tal-Kap 12 ;*

*Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat li ghad li l-kawzali tal-mandat tirreferi ghal pretensjoni dwar profitti li ghamlet is-socjeta` esponenti bejn Ottubru 2014 u Lulju 2015. Il-kawza (kif fuq inghad) saret fir-rigward ta` pretensjoni ghal kollox diversa u cjoe` profitti fis-sena finanzjarja 2013/2014. Isegwi ghalhekk li l-atturi ma ddeducewx il-pretensjoni taghhom kawtelata bil-mandat entro ghoxrin jum (kif irid l-Art 843 tal-Kap 12 rez applikabbli fil-kaz ta` mandat kawtelatorju ta` sekwestru bis-sahha tal-Art 849 tal-Kap 12) u kwindi l-mandat m`ghadux aktar fis-sehh b` applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-art 836 (1)(a) tal-Kap 12 ;*

*Illi fit-tieni lok, fejn imiss mad-disposizzjonijiet tal-art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 qed jitqanqlu r-ragunijiet segwenti, liema ragunijiet huma cari u jirrizultaw anke mad-daqqa t` ghajn :*

*(i) Illi l-Istatut tas-socjeta` esponenti – li ghalih kienu parti l-istess atturi – jaghmilha cara li l-jedd ghad-dividends jimxi mat-trasferiment a favur tal-azzjonista gdid ;*

*(ii) Illi l-ewwel skeda tal-kap 386 tipprovdi espressament dwar kif ghandhom jigu dikjarati d-dividends u dwar ir-riservi li ghandhom jinzammu ;*

*(iii) Illi fi kwalunkwe kaz, anke li kieku l-pretensjoni tal-atturi ghandha mis-sewwa u ghas-sahha tal-argument il-profitti netti tal-kumpanija ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Settemrbu 2014 kellhom jigu dikjarati kollha bhala dividends u b` hekk ma jinzammu l-ebda rizervi, kif ukoll li tali dividends jigu mghoddija lill-ex-azzjonisti konjugi Bonnici u mhux lit-titolari tal-ishma fil-gurnata meta jigu dikjarati tali dividends,* ***ishma ekwivalenti ghal 50% tat-total gross tal-ishma jkunu intitolati ghal 50% tal-profitti netti (EUR 66,953) u kwindi l-istess konjugi Bonnici jkunu intitolati ghas-somma ta` tlieta u tletin elf erba` mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (EUR 33, 476.50) kwazi terz tal-ammont kawtelat bil-mandat*** *;*

*Illi ghad li l-gurisprudenza tghallimna li fi proceduri bhal dawk odjerni, din il-Qorti ghandha tillimita l-apprezzament taghha fuq livell ta` prima facie, l-atti prezentati fil-kaz odjern – liema atti huma ffirmati mill-istess sekwestrant – juru car daqs il-kristall li s-sekwestrant la kellu bazi u wisq anqas ghandu issa (gjaladarba ttrasferixxa l-ishma tieghu) sabiex il-mandat jinzamm fis-sehh ;*

***Illi meta wiehed iqis dan kollu, jasal ghall-konkluzzjoni li fl-ahjar ipotesi, is-sekwestrant ghamel mandat sabiex jikkawtela pretensjoni li hija bil-bosta superjuri ghal dik li talvolta jistghu jkunu intitolati ghaliha l-atturi, u fl-aghar ipotesi is-sekwestrant ghamel mandat sabiex jikkawtela pretensjoni li ghaliha ma` ghandu l-ebda jedd*** *;*

*Illi ghad li hu ben risaput li mandat jinhareg u jigi esegwit that ir-responsabbilita` tal-persuna li tkun talbitu, il-ligi ma tridx li jkun hemm min jabbuza minn dan l-istitut. Kif sewwa irriteniet din l-Onorabbli Qorti fil-provvediment tat-30 ta` Lulju 2014 fl-ismijiet* <u>*Dr Carmel Chircop et vs Dolphin Industrial Services Limited et*</u> *:*

> *Il-ligi thalli f` idejn il-kreditur l-ghazla ta` kif jikkawtela il-pretensjoni tieghu u cioe` ghazla f` idejn il-kreditur ta` liema mandat kawtelatorju hu l-aktar addattat, fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Dan ma jfissirx illi l-kreditur ghandu via libera li jikkalpesta lid-debitur bl-impozizzjoni ta` kawteli eccessivi, irdoppjati jew bla gustifikazzjoni. Hu precizament dan ir-raison d` etre tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, u cioe` l-protezzjoni tad-debitur minn mandati kawtelatorji eccessivi u irragonevoli tal-kreditur.*

*Illi s-socjeta` esponenti qed tbati pregudizzju b`rizultat tal-hrug tal-mandat fuq imsemmi, liema pregudizzju huwa rizultat tal-fatt li s-socjeta` esponenti hija wahda li topera, li timpjega ghadd ta` impjegati u tipprovdi servizz lil hafna anzjani residenti gewwa d-dar tal-anzjani minnha gestita fil-Mosta. Minhabba dan il-mandat sofriet il-cash flow fil-waqt li l-kredibilita` tas-socjeta` esponenti giet imtappna ;*

*Illi tali pregudizzju huwa ferm ingust meta wiehed iqis li fi kwalunkwe kaz l-ammont kawtelat huwa assolutament esagerat ;*

*Illi din l-Onorabbli Qorti kellha l-opportunita` li tqis diversi kazijiet fejn gie allegat li l-ammont kawtelat kien eccessiv u ghalhekk l-allegazzjoni li l-ammont kawtelat huwa esagerat ghandha titqies fil-kuntest tal-gurisprudenza. Ricentement fil-provvediment li tat fit-13 ta` Awissu 2015 fl-ismijiet* <u>*Av John Refalo noe vs Calibre Consultants Limited et*</u> *din l-Onorabbli Qorti rriteniet :*

> *Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f` mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed eccessiv, irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta` qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma` xulxin.*

*Illi fil-kaz odjern, hu ovvju li meta wiehed iqis il-fatt li l-kontijiet tas-socjeta` esponenti kienu f` idejn is-sekwestrant Gaetano Bonnici qua direttur tal-esponenti u kwindi kien jaf kemm kienu l-profitti ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014, u li kwindi nofs dawn il-profitti kienu ta`* ***EUR 33,746.50, azzarda u abbuza mill-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti meta talab li jikkawtela s-somma ta` kwazi tlitt darbiet dan l-ammont u kwindi tas-somma ta` EUR 94,806.50*** *;*

*Illi inoltre jrid jinghad li l-esponenti qatt ma gew interpellati bonarjament qabel ma` sari l-mandat jew sabiex tipprovdi garanzija f` liema eventwalita` l-esponenti kienet tkun disposta minnufih taghmel garanzija ;*

*Illi meta wiehed iqis dan kollu jidher bic-car li s-socjeta` esponenti hija f` qaghda li tonora l-obbligi taghha – fatt li hu maghruf mis-sekwestranti li sa ftit tal-gimgha ilu kien direttur tas-socjeta` esponenti u kwindi kien jaf sew l-affarijiet tas-socjeta` esponenti ;*

*Illi meta wiehed iqis is-suespost facli jasal ghall-konkluzzjoni li l-pretensjoni kawtelata bil-mandat hija wahda frivola u li l-mandat sar b` malizzja u sabiex jivvessa lill-esponenti u lill-azzjonisti taghha ;*

*Illi ghalhekk, fl-umli fehma tas-socjeta` esponenti, mhux biss jezistu l-massimi li trid il-ligi ghar-revoka tal-mandat, izda jirrizultaw ukoll il-massimu sabiex tigi imposta penali skont il-ligi kontra s-sekwestrant ;*

*Illi l-Art 836(8) tal-Kap 12 jipprovdi espressament :*

*Il-qorti tista` tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f`kull kaz minn dawn li gejjin :*

*(a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi ;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b`xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed :*

*Izda d-disposizzjonijiet ta` dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta` urgenza ghall-hrug tal-mandat ;*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew ;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*Illi dwar l-impozizzjoni tal-penali f` cirkostanzi kongruwi, l-esponenti taghmel riferenza ghall-provvediment ricenti ta` din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta` April 2015 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Melvyn Mifsud et fejn gie ritenut :*

*Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista` biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f`kazijiet estremi fejn is-sens ta` gustizzja hekk kien jimponih. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta` ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz.*

*Illi l-abbuz tal-konjugi Bonnici johrog car anke meta wiehed iqis li:*

*(i) Huma kienu jafu li kienu se jaljenaw l-ishma taghhom ;*
*(ii) Ftit jiem wara li l-hrug tal-mandat effettivament aljenaw l-ishma taghhom ;*
*(iii) Matul dan il-perijodu kollu kienu jafu ezattament x` jipprovdi l-istatut tas-socjeta` esponenti ta` liema dokument huma kienu firmatarji ;*
*(iv) Ghamlu mandat ghal pretensjoni mod, imbaghad mexxew ghal pretensjoni ghal kollox diversa ;*

*Illi m` hemmx dubbju f` ghajnejn is-socjeta` esponenti li l-hrug tal-mandat li qieghed jigi attakat bl-odjern att ma kien xejn ghajr abbuz tas-sistema gudizzjarja li timmerita sanzjoni u li fil-kaz odjern japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Art 836(8)(a), 836(8)(b), 836(8)( c) 836(8) (d) tal-Kap 12 u dan ghar-ragunijiet li huma cari u jirrizultaw anke mad-daqqa t` ghajn kif fuq inghad ;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li jezistu l-massimi li trid il-ligi sabiex l-att kawtelatorju ossia l-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1236/2015 fl-ismijiet Gaetano Bonnici vs Age Concern Limited liema mandat kawtelatorju inhareg nhar is-7 ta` Awissu 2015 jigi revokat sew ghal kollox jew f` parti minnu a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Art 836(1)(a) u/jew Art 836(1)(d) u/jew Art 836 (1)(f) tal-kap 12.*

*2. Konsegwentement tordna li l-istess mandat ta` sekwestru kawtelatorju jigi revokat sew ghal kollox jew f`parti minnu a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Art 836(1)(a) u/jew Art 836(1)(d) u/jew Art 836 (1)(f) tal-kap 12.*

*3. Tikkundanna lill-sekwestrant ihallas penali ta` mhux anqas minn EUR 1,164.69 u ta` mhux aktar min EUR 6,988.12 liema penali jmorru ghand is-socjeta` esponenti talli naqas milli jinterpella bonarjament lill-esponenti qabel ma` sar il-mandat ghall-hlas jew sabiex jipprovdi garanzija u/jew billi c-cirkostanzi tas-socjeta` esponetni kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubbju ragonevoli dwar il-likwidita` tal-istess socjeta` esponenti u dwar il-kapacita` finanzjarja tas-socjeta` esponenti li thallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tas-socjeta` esponenti kienet maghrufa sew u/jew billi t-talba tar-rikorrenti saret b` malizzja, hija frivola jew vessatorja u dan ai termini tal-Art 836(8) tal-Kap 12.*

*U dan dejjem taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta Gaetano Bonnici ("**<u>l-esekutant</u>**") fil-<u>21 ta` Ottubru 2015</u> li taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok huwa minnu li l-esponenti talab l-ammont ta` euros 94,806.50 ghas-snin 2014 u 2015 u dan ghamlu ghax fis-sena finanzjarja 2014 kien hemm gja s-somma likwidata ta` profitti pero ghas-sena 2015 peress li l-*

*esponenti dam xi zmien azzjonista qabel ma ttrasferixxa l-ishma tieghu kien qieghed ukoll jippretendi s-sehem tieghu mill-profitti tas-sena 2015 pero s-somma ma kinitx likwidata u minhabba l-fatt li fetah il-kawza ma setax jitlob ghal sehmu mill-profitti ghax gimgha wara kellu jbiegh is-sehem tieghu kif kien kostrett pero ghas-sena 2014 kien ikkalkulat ezatt.*

*2. Illi di piu l-esponenti qieghed jitlob is-sehem tieghu mill-profitti kollha kemm dawk attwali kif ukoll dawk li kienu retained earnings tas-sena 2014 u meta l-Imhallef fis-sekwesru fehem dak li kien qieghed jintalab ordna l-hrug tal-mandat ta` sekwestru immedjatament.*

*3. Illi dak li ma ssemma imkien kien l-ingann sfaccat tal-azzjonista l-iehor Alfred Balzan li fil-gurnata meta hareg il-mandat ta` sekwestru gibed permezz ta` cheque l-ammont ta` mitt elf euros (euros 100,000) mill-bank u hadhom flus kontanti u dan skond l-anness dokument immarkat Dok A. Dan sar kontra kull regola ta` money laundering. Konvenjentement r-rikorrenti naqas milli jsemmi dan il-fatt. Qieghed jinghad li hemm ingann ghax ic-cheque li l-esponenti kien iffirma kien immarat sabiex tithallas impjegata kif kien dejjem isir billi l-esponenti kien jiffirma cheques ghall-impjegati u l-azzjonista l-iehor kien jiffirma s-sekonda firma u jithallsu l-impjegati. Illi hemm l-ingann ghax meta l-esponenti kien ghadu azzjonista sarraf cheque minghajr l-awtorizazzjoni tal-esponenti u gibed is-somma ta` mitt elf euros (euros 100,000). Hawn tara bic-car l-animo tal-ingann.*

*4. Illi zgur li s-socjeta` rikorrenti mhiex qieghda tbati xi pregudizzju ghax kienet din il-kumpanija li ghandha flus fl-ammont ta` mitt elf euros (euros 100,000) kontanti li bihom qeghda tiggestixxi s-socjeta` u thallas il-kontijiet meta nofs il-profitti huma dovuti lill-esponenti.*

*5. Illi ta` min isemmi huwa l-fatt li l-esponenti talab lill-azzjonista l-iehor kif ukoll il-kumpanija sabiex jigi dikjarat id-dividends kif ukoll saret ittra ufficjali f` dan is-sens u dan ma sarx minhabba l-fatt li r-rikorrenti gja kellu pjan f` mohhu.*

*6. Illi l-azzjonista l-iehor kien accetta sabiex ihallas biss nofs is-somma tal-actual profits jigifieri nofs l-ammont ta` euros 58,250 pero` rrifjuta li jhallas nofs l-accrued profits. L-accrued profits huma l-profitti li z-zewg azzjonisti kellhom il-hila taghhom akkumulaw dawn il-profitti fuq diversi snin bl-ghaqal u bit-tbatija taghhom u bil-mod kif ried jaqsam il-profitti Alfred Balzan kien ser jibbenefika biss Alfred Balzan u jakkwista l-accrued profits kollu ghalih biss ad eskluzjoni tal-esponenti.*

*7. Illi dak li qieghed jintalab huma l-profitti kollha dikjarati fis-sena finanzjarja 2014.*

*8. Il-kuntratt ta` bejgh tas-shares huwa ftehim iehor li ma ghandu x` jaqsam xejn mal-profitti tas-sena 2014. Is-somma li l-esponenti kien ha jiehu ta` l-ishma kien jirrifletti ftehim li kien iffirmat fis-sena 2008 li kien limitatament ghal valur tax-shares li kellhom jigu mibjugha fis-sena 2015. Din il-kwistjoni iddur biss fuq il-profitti tas-sena 2014. GHalhekk l-esponenti jinsisti li l-ammont huwa prima facie gustifikat u zgur li mhuwiex eccessiv.*

*9. Dan il-mandat ghandu jinzamm fis-sehh ghax ir-rikorrenti gja gibed is-somma ta` mitt elf euros (euros 100,000); Ingann iehor huwa l-fatt li r-rikorrenti kiteb lid-dipartiment tal-anzjani u d-dipartiment tat-tezor fejn jirrizulta illi tmenin fil-mija (80%) tal-introjtu jigi mill-hlasijiet tal_Gvern ghax jibghat l-anzjani f` din id-dar u jhallashom hu u l-istess Alfred Balzan ossia t-tifla tieghu Fleur Balzan informaw lid-Dipartiment li minn Settembru `l quddiem il-hlasijiet ghandhom isiru fuq kumpanija ohra proprjeta` esklussiva tar-rikorrenti jigifieri Alfred Balzan u dan minhabba l-fatt li sar l-mandat fuq it-tezor meta ghadu fis-sehh il-kuntratt mas-socjeta` Age Concern Company Limited fuq kumpanija ohra bil-konsegwenza li jista` jaghti l-kaz li l-kumpanija Age Concern Company Limited iffaliha appozitament halli l-esponenti ma jiehu xejn anke f` ezitu pozittiv.*

*10. Illi jerga` jinghad li l-esponenti ghandu pretenzjoni prima facie ghall-profitti kollha tas-sena finanzjarja 2014 billi dik is-sena anki l-awditur iddikjara li hemm profitti vicin il-mitt elf euros (eur 100,000) u ma hemm ebda distinzjoni jekk il-profitti huma actual jew accrued. U ghalhekk l-ammont kollu huwa dovut u mhu esagerat xejn anzi jirrifletti s-sitwazzjoni ezatta.*

*11. Illi kif gja inghad kien inhareg ittra ufficjali bl-ammont indikat ezattament u r-rikorrenti cahad li ghandu jaghti xi ammont. Pero minflok hareg il-garanzija Alfred Balzan gibed il-flus mill-kumpanija b` ingann. Kien hemm bizzejjed flus sabiex jaghmel tajjeb ghall-garanzija pero` ghazel li jigbed il-flus ad insaputa tal-esponenti meta kien ghadu azzjonista.*

*12. Illi anzi kien ir-rikorrenti li qieghed juza dawn il-proceduri odjerni sabiex jipprova jaghmel xi pressjoni fuq l-esponenti billi qieghed jitlob anki penali taht l-artikolu 836(8) meta r-rikorrenti mmanuvara sabiex jeludi kull dritt li l-esponenti jista` jkllu. Kif gja inghad gibed mitt elf euros (euros 100,000) mill-kumpanija b` mod qarrieqi u ddevja l-hlasijiet mill-Gvern ghal kumpanija ohra u dan sar ukoll b` abbuz ghax il-kuntratt mal-Gvern kien ghadu vigenti mal-kumpanija Age Concern Company Limited;*

*13. Illi kien ir-rikorrenti li malizjozament abbuza mis-sistema gudizzjarja meta fl-istess gurnata li hareg il-mandat ta` sekwestru gibed ammont kbir ta` flus xi haga li l-banek rari jaghmluha ghax hareg mill-bank b` mitt elf euros (eur 100,000) flus kontanti f` qasir zmien u f` temp ta` minuti qabel il-branch jigi notifikat bis-sekwestru xi haga li tmur kontra kull sistema bankajra li jhallu daqshekk flus in kontanti jinhargu. Il-bank l-anqas kellu d-dicenza jiccekkja mal-azzjonista l-iehor dwar dan ic-cheque tenut kont tal-ammont daqshekk kbir.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob illi t-tlett talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat illi r-rikors kien appuntat ghas-smigh fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi wara dik l-udjenza r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Huwa sal-livell ta` *prima facie* l-ezami li trid taghmel il-Qorti sabiex tistabilixxi l-fondatezza o meno tal-lanjanzi tal-esekutata abbazi tad-disposizzjonijiet citati minnha.

Fil-provvedimenti li tat din il-Qorti (**PA/RCP**) fil-proceduri fl-ismijiet "**Joseph Camilleri et v. Anthony Gove` et**" u "**Josephine Sammut v. Emanuel Sammut et**" tal-10 ta` Mejju 2001 u tad-29 ta` Novembru 2001 rispettivament inghad li :-

*" … mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta` dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

L-istess Qorti (**PA/RCP**) fil-provvediment "**Tanya Chetcuti pro et noe v. Hugo Chetcuti**" tas-27 ta` Gunju 2002 qalet illi :-

*" … fil-fatt jista` jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f`din il-procedura huwa biss sabiex tezamina `prima facie` jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta` Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta` Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta` Frar 2001)". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta ` Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta` Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)".*

**Bl-ewwel u bit-tieni talbiet, l-esekutata talbet ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-Art 836(1)(a) tal-Kap 12.**

Id-disposizzjoni tghid :-

*(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista` jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista` jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f`parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin :*

*(a) li l-att kawtelatorju m`ghadux iktar fis-sehh.*

Fil-provvediment illi tat fit-23 ta` Dicembru, 2011 fil-procediment "**Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited v. Market Handle Limited et**" din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk dwar l-Art 836(1)(a) :-

*" … Din id-dispozizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares b`dak il- Mandat. Jekk min johrog Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa` hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija, normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista` tilqa` t-talba ghat-thassir tal-Mandat b`semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le."*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-Mandat de quo sar biex jikkawtela likwidazzjoni ta` profitti, kalkolata ghall-fini ta` l-Mandat, ghas-sena finanzjarja Ottubru 2014 sa Lulju 2015. Jirrizulta li qabel ordnat il-hrug tal-Mandat, din il-Qorti diversament presjeduta talbet kjarimenti minghand l-esekutant. Infatti b`digriet taghha tal-31 ta` Lulju 2015, il-Qorti talbet lill-esekutant sabiex jaghti spjegazzjoni dwar il-pretensjoni hekk kif dedotta. Wiegeb ghal dan id-digriet b`nota fejn saret din id-dikjarazzjoni : *" ... illi s-socjeta` intimata, li r-rikorrent huwa 50% azzjonista, ghamlet qliegh fis-sena finanzjarja 2014 `il fuq minn EUR 200,000 (mitejn elf euro) u l-azzjonista l-iehor li ghandu 50% ma jridx jiddikjara "dividends" ; ghalhekk l-esponenti qed jikkawtela l-pretensjoni tieghu."*

In segwitu, b`digriet tat-3 ta` Awissu 2015, il-Qorti rega` stiednet lill-esekutant sabiex jiddikjara kif ghandu jedd ghas-somma pretiza fil-Mandat jekk ma gewx dikjarati *dividends* in kwantu *prima facie* kien jidher li l-qliegh kien tal-kumpannija u mhux tar-rikorrent. Wara dan id-digriet, l-esekutant pprezenta nota fil-5 ta` Awissu 2015, fejn kien dikjarat : " ... *illi l-awditur tal-kumpannija iddikjara li hemm `il fuq minn EUR 200,000 (mitejn elf Euro) profitti u talab li dawn jigu carried forward. Illi l-esponenti ser ibati pregudizzju stante li hu 50% shareholder u peress illi jrid jippartecipa fil-profitti tas-sena 2014-2015 u ghalhekk irid jikkawtela d-drittijiet tieghu, peress illi r-rikorrenti hu marbut li jbiegh is-sehem tieghu lill-azzjonista l-iehor u ghalhekk il-profitti tas-sena 2014-2015 jigu ikkapparati mill-azzjonista l-iehor."*

Wara din in-nota, b`digriet li tat fil-5 ta` Awissu 2015, il-Qorti tat direzzjoni lil-esekutant sabiex jipprezenta kopja tal-ftehim tal-bejgh tal-ishma u sabiex bil-gurament jiddikjara x`*dividends* ircieva fl-erba` snin ta` qabel. L-esekutant wiegeb ghal dan id-digriet b`nota tal-istess data fejn kien dikjarat illi qatt ma rcieva *dividends.* Kienu ipprezentati l-ftehim de quo, kif ukoll il-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014.

Dan kollu premess, u risultanti mill-atti tal-Mandat, jirrizulta li fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors guramentat bin-nru 798/15 JZM fl-ismijiet "**<u>Gaetano Bonnici et v. Age Concern Company Limited" (C-18974)</u>** inghad hekk :-

*1. Illi l-esponenti huma azzjonisti fil-kumpannija intimata fl-ammont ta` hamsin fil-mija (50%) bejniethom liema sehem l-esponenti huma marbutin li jbieghu lill-azzjonisti l-ohrajn is-sehem kollu taghhom sas-sebgha u ghoxrin ta` Awwissu 2015 skont kif inhu miftiehem fl-anness dokument Dok "A" ;*

*2. Illi ghas-sena finanzjarja 2013/2014 li bdiet f`Settembru 2013 u gie konkluz f`Settembru 2014 il-kumpannija ghamlet qliegh sostanzjali u dan skont l-anness rapport tal-awditur Dok "B" ;*

*3. Illi minkejja d-diversi nterpellanzi mill-esponenti lill-azzjonisti l-ohra kif ukoll lill-kumpannija intimata l-istess azzjonisti l-ohra qeghdin jirrifjutaw sabiex jigi ddikjarat dividend halli l-esponenti jiehu sehemu millprofitti mis-sena finanzjarja 2013/2014 ;*

*4. Illi l-esponenti ser u qieghed isofri pregudizzju serju jekk ma jiehux dak li huwa d-dritt tieghu skont il-ligi ;*

*5. Illi sabiex wiehed jara l-ingann tal-intimat azzjonista sarraf cheque tal-kumpannija li kien dovut sabiex ihallas il-pagi tal-haddiema u ghamlu f`ismu personali u sarraf l-ammont ta` mitt elf euros (euros 100,000) (ara Dok C) ad insaputa tal-esponenti u bi pregudizzju kbir u ghad-detriment tal-aspetti finanzjarji tal-esponenti kemm bhala direttur kif ukoll bhala azzjonista.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghal dawk illi ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitlob li dina l-Onorabbli Qorti*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Age Concern Company Limited ghamlet profitti fis-sena finanzjarja 2013/2014 u tikkwantifika ossia tillikwida tali ammont.*

*2. Tordna li dawn il-profitti kollha jigu konvertiti f`dividends ghall-kumpannija Age Concern Company Limited favur l-azzjonisti fi kwoti ndaqs bejniethom skont l-ammont likwidat bhala profitti.*

*3. Tordna d-distribuzzjoni ta` dawn id-dividends favur l-azzjonisti fi kwoti ndaqs bejniethom.*

Mill-premess jirrizulta li r-rikors guramentat kien **specifikament** dirett lejn is-sena finanzjarja li bdiet Settembru 2013 u ntemmet Settembru 2014. Fir-rikors guramentat ma jsirx l-icken accenn ghas-sena 2015.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors tal-lum, id-difensur tal-esekutant kkonferma li r-rikors guramentat bin-nru 798/15 JZM kien jirrigwarda s-sena finanzjarja 2013-2014. Aktar tard irrileva li l-profitti ghas-sena 2013-2014 kienu fl-istess ammont tal-2014-2015 fis-sens li l-*accrued profits* kienu diga` fl-2013-2014 u kienu trasferiti ghas-sena ta` wara 2014-2015. B`hekk sar l-argument illi l-profitt baqa` l-istess.

Madanakollu, dan l-argument ma jinkwadra mkien fir-rikors guramentat hekk kif impostat. Huwa minnu li mill-*annual report and financial statements* tas-sena li ghalqet fit-30 ta` Settembru 2014 jidher li kien hemm *retained earnings* li kienu gejjin sa mis-sena 2012. Izda din il-Qorti ma tarax li premessi u talbiet tant cari tar-rikors guramentat jinkwadraw fil-pretensjoni li l-esekutanti

talbu li jikkawtelaw bil-Mandat de quo billi l-pretensjoni taghhom kienet relatata ma` zmien partikolari distint minn dak tar-rikors guramentat.

**Ghalhekk ladarba jirrizulta *prima facie* li dak pretiz fil-Mandat mhuwiex dak pretiz fir-rikors guramentat, u billi ma jirrizultax li kien prezentat xi rikors guramentat iehor biex jinzamm fis-sehh dak il-Mandat, allura l-Qorti ssib illi hija fondata t-talba tal-esekutata ghar-revoka tal-Mandat skont l-Art 836(1)(a) tal-Kap 12.**

**Ladarba huwa ppruvat dak rikjest bl-Art 836(1)(a) ma hemmx lok li l-Qorti tistharreg jekk hemmx ukoll bazi ghar-revoka tal-Mandat skont l-Art 836(1)(d) u l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.**

**Fit-tielet talba, l-esekutata talbet lill-Qorti sabiex timponi penali skont l-Art 836(8) tal-Kap 12.**

Dwar l-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Infatti, fid-diskrezzjoni taghha, il-Qorti tista` taqbel li timponi penali fuq min ikun talab u kiseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju, wara talba mill-persuna li kontra taghha ikun hareg il-Mandat. Apparti li l-penali hija fakoltativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun sehhet wahda mill-erba` cirkostanzi previsti mil-ligi sabiex tkun tista` tigi mposta l-penali. Ladarba hija sanzjoni punittiva, bizzejjed tirrizulta cirkostanza wahda mill-erbgha previsti mil-ligi.

Dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista` biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-Art 836(8) fil-kazijiet estremi fejn is-sens ta` gustizzja hekk kien jimponilha (ara : App. Civ. **13.3.2001** fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Rapa vs Raymond Sammut**").

Il-penali mahsuba fl-Art 836(8) hija mizura ta` ordni pubbliku mirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz (ara : P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawza "**Joseph Borg pro et noe v. Joseph Pace noe et**").

L-esekutata ssostni li fil-kaz tal-lum jissussistu l-erba` cirkostanzi li trid il-ligi ghall-imposizzjoni tal-penali. Dawn huma :-

(a) jekk, minghajr raguni valida, ma tkunx saret il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi ;

(b) jekk, fit-talba ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, il-parti l-ohra tonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, ikun b`xi mod talab lill-kontroparti li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed :

Izda dan m`ghandux japplika meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta` urgenza ghall-hrug tal-mandat ;

(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur ikunu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u li din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew ;

(d) jekk it-talba ghall-hrug tal-manadat tkun saret b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Dwar ic-cirkostanza (a), kulma jrid jinghad hu li irrizulta li l-ezekutanti tassew naqsu li jaghmlu l-kawza abbazi tal-pretensjonijiet taghhom kif dedotti fil-Mandat. Ghalhekk il-Qorti tqis li hemm raguni tajba ghall-ezekutata ghaliex ghandha tressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti l-imposizzjoni tal-penali fuq l-ezekutanti. Waqt it-trattazzjoni orali tar-rikors, x`hin kien evidenti li dak li ntalab fil-Mandat ma kienx jaqbel ma` dak mitlub fir-rikors guramentat, saret talba biex isir kontromandat. Bhala fatt il-kontromandat baqa` ma giex prezentat.

**Fil-fehma tal-Qorti, tirrizulta c-cirkostanza (a).**

Dwar ic-cirkostanza (b), il-ligi trid li qabel ma jinhareg Mandat (u sakemm ma jkunx hemm ragunijiet cari ta` urgenza) l-ezekutant ghandu jitlob lid-debitur tieghu biex fi zmien hmistax-il jum ihallsu d-dejn li ghandu mieghu. Daqstant iehor trid li, wara li jkun hareg il-Mandat, l-ezekutat jitlob lill-ezekutant biex inehhi l-Mandat u dan tal-ahhar jonqos li jaghti raguni tajba biex ma izomm dak il-Mandat fis-sehh. (ara dak li pprovdiet din il-Qorti fit-23 ta` Dicembru fil-procediment "**Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited v. Market Handle Limited et**" [op.cit.]). It-talba ghall-fini ta` din ic-cirkostanza ma tridx tkun ta` bilfors wahda solenni fis-sura ta` att gudizzjarju jew kawza formali (ara : App. Civ. 13.3.2001 "**Rapa vs Sammut**" Kollez. Vol. LXXXV.ii.142). Bizzejjed tkun wahda verbali.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li qabel sar il-Mandat, kienet prezentata l-ittra ufficjali a fol 87 tal-process.

**Fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanza (b) ma tirrizultax.**

Dwar ic-cirkostanza (c), il-Qorti tirrileva li ghalkemm irrizulta li l-istat finanzjarju tal-esekutata u l-likwidita` taghha *non destavano preoccupazioni,* fl-istess waqt tajjeb jinghad illi llum l-esekutant m`ghadux azzjonista, u l-kawza li ghandu pendenti kontra l-esekutata tirrigwarda profitti u eventwali hlas ta` *dividends* li jippretendi li huma dovuti lilu ghas-sena 2013-2014. Ghalhekk jaghmel sens illi jipprezenta mandat in kawtela tal-pretensjoni tieghu, billi ladarba m`ghadux azzjonista, huwa fl-interess tal-esekutant illi ma jkunx hemm dispersjoni tal-assi tal-esekutata b`mod illi ma tibqax tissussisti l-likwidita` li kellha meta hu kien ghadu azzjonista.

**Fil-fehma tal-Qorti, ma tirrizultax ic-cirkostanza (c).**

Dwar ic-cirkostanza (d), il-Qorti tqis li l-esekutata ma gabitx provi jew argumenti tajbin bizzejjed biex turi li l-Mandat kien vessatorju u hareg minhabba hazen jew malizzja. Il-Qorti trid timxi fuq il-principju tad-dritt illi l-bona fede hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat (ara : App. Civ. 7.7.1920 fil-kawza "**Miller Blacker pro et noe v. Howard**" (Kollez. Vol. XXIV.i.554).

**Fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanza (d) ma tirrizultax.**

**Tenut kont tal-mod kif svolgew il-fatti, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm irrizultat wahda (1) mill-erba` (4) cirkostanzi kontemplati bl-Art 836(8) tal-Kap 12, b`sens ta` gustizzja, mhijiex sejra timponi penali, billi fl-imgieba tal-esekutant il-Qorti ma rriskontratx l-estremi tal-abbuz tal-process gudizzjarju.**

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tas-socjeta` Age Concern Company Limited billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara illi jirrizultaw ic-cirkostanzi kontemplati mill-Art 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghar-revoka shiha tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1236/2015 fl-ismijiet "Gaetano Bonnici vs Age Concern Limited (C18974)" mahrug fis-7 ta` Awissu 2015.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tirrevoka ghal kollox il-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1236/2015 fl-ismijiet "Gaetano Bonnici vs Age Concern Limited (C18974)" mahrug fis-7 ta` Awissu 2015 a tenur tal-Art 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tichad it-tielet talba.**

**Tordna lil Gaetano Bonnici sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**